MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2004

Numru 794/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs**

**MARIJA MANGION**

**Illum 9 ta' Novembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Marija Mangion ta' 61 sena bint Salvu Gatt u Anni Gauci mwielda Mgarr fil-15 ta' Mejju 1943 u li toqghod St. Mary Flats Flat 1 Triq il-Kullegg, Mosta, I.D. 413743M, giet akkuzata:

Talli f’tas-Sliema nhar il-11 ta’ Marzu 2004 b’diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, u cioe ikkommettiet serq mill-hanut maghrufa bhala ‘Top Shop’ u mill-hanut Marks and Spencer.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. FM3 u nnutat li l-imputata m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputata ddikjarat li m’ghandhiex htiega ta’ avukat.

Il-Qorti spjegat lill-imputata dwar il-jedd taghha li tkun assistita minn avukat u l-imputata regghet ikkonfermat li m’ghandhiex htiega ta’ avukat.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputata ammettiet l-akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija u li r-refurtiva giet irritornata u liema valur tar-refurtiva huwa taht il-Lm100.

Rat l-artikoli 18, 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Marija Mangion, fuq ammissjoni, hatja ta’ l-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata Marija Mangion ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata

ikkoperat mal-Pulizija u li r-refurtiva giet irritornata u liema valur tar-refurtiva huwa taht il-Lm100, tillibera lill-istess imputata taht il-Provvediment ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Marija Mangion l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------